# KULTURA F’KAXXA

F’dan il-kit għall-eTwinning qed nipproponu li l-istudenti, fi gruppi, jipproduċu preżentazzjoni bil-PowerPoint jew “Kultura f’Kaxxa” dwar il-pajjiż ta’ l-iskola msieħba. Biex ikunu jistgħu jagħmlu dan, l-istudenti jiġbru tagħrif dwar pajjiżhom u jgħadduha lill-iskola msieħba, li imbagħad tkun responsabbli għall-produzzjoni tal-preżentazzjoni bil-PowerPoint dwar ir-rikezzi kulturali tal-pajjiż imsieħeb.

**Valur Pedagoġiku**
L-istudenti se jkollhom ċans biex ifittxu, jiklassifikaw, jiddiskutu u jippreżentaw informazzjoni dwar il-kultura tagħhom u dik tal-pajjiż imsieħeb.

**Għanijiet**:
L-istudenti ser:

- Iqisu it-tifsira tal-kultura, u jirriflettu fuq xi tfisser għalihom
- Jaqsmu informazzjoni relevanti dwar il-kultura tagħhom ma’ l-imsieħba
- Joħolqu preżentazzjonijiet bil-‘Kultura f’Kaxxa’
- Jirriflettu dwar dak li tgħallmu dwar l-iskola l-oħra u jqisu d-differenzi u x-xebħ bejn iż-żewġ pajjiżi
- Jiktbu esejs li jirriflettu fuq dak li jkunu tgħallmu

**IL-PROĊESS:**

**L-ewwel pass – Il-Bidu:**

**Ġbir ta’ ideat**

L-istudenti jirriflettu dwar dawn il-mistoqsijiet u jaqsmu r-rispost tagħhom

- *X’inhu l-wirt kulturali?*
- *B’liema mod dan il-wirt jagħmlek dak li int? Qis il-lingwa, ir-reliġjon, is-sistemi tal-valuri, il-post fejn toqgħod, eċċ.*
- *Kieku kif tippreżenta ruħek ma oħrajn?*
- *Kif taħseb li nies oħra Ewropej iħarsu lejna?*
- *Dawn il-preċezzjonijiet jaqblu ma’ l-opinjoni tiegħek? Għalix?*
- *X’inhu r-rwol tal-wirt kulturali fil-mod ta’ kif naraw lilna nfusna u ta’ kif jarawna l-oħrajn?*
- *Jeżisti wirt kulturali komuni Ewropew?*
- *Kif taħseb li l-fatturi kulturali li identifikajt jistgħu ibiddlu lil uliedek, neputijiet u bużneputijiet?*

**Ħarsa lejn eżempju ta’ x’inhi preżentazzjoni “Kultura f’Kaxxa”**

Uri lill-istudenti ta’ eżempju lest biex jiddaħħal fil-fajl preżentazzjoni ta’ kultura f’kaxxa. Tista’ tara eżempju ta’ “Kultura f’Kaxxa” Griega – zip fajl bil-peżentazzjoni ta’ 544Kb hawn www.netschoolbook.gr/culturecapsuleGR.zip

**It-Tieni Pass: Il-Ġbir tat-Tagħrif**

L-Istudenti f'kull klassi jinqasmu fi gruppi. Importanti li jkun hemm l-istess numru ta' gruppi fiż-żewġ klassijiet għax ser ikollhom jibgħatu lil xulxin t-tagħrif li jiġbru.

Il-Grupp l-ewwel se jagħżel 10 aspetti kulturali dwar pajjiżhom, u jiktbu dwarhom, isibu stampi, links, eċċ. Din hija lista ta' temi possibbli biex tagħżlu minnha:

- Tagħrif ġeografiku
- Tagħtif ta' statistika: popolazzjoni, klima, il-mewt, rati tat-twelid, tul medju, xita…
- Lingwa għas-sopravivenza: Eżempju ta' xi sentenzi ta' użu u frażijiet bil-lingwa tagħhom
- Il-Mużika
- L-Ikel
- Passatempi tipiċi
- Nies famużi
- Dati importanti fl-istorja
- Kotba jew magażins famużi
- Proverbji
- Leġġendi
- Poeżiji
- Invenzjonijiet
- Skoperti
- Xenarji
- Bliet
- Prodotti tipiċi
- Festi
- X'tagħmel u x'ma tagħmilx

Kull grupp ilesti kartun bl-informazzjoni għal kull wieħed mill-aspetti magħżula u jibgħatuhom lill-imsieħbin permezz tal-email, konferenza bil-vidjo, eċċ. Possibiltà għal-waħda minn dawn il-kartuni hija:

- Titlu tas-slide:
- It-test suġġerit:
- Stampi suġġeriti:
- URL(s) ta' fejn tista' ssib stampi:
- URL(s) ta' fejn tista' ssib iktar informazzjoni:

Dawn il-kartun bl-informazzjoni jkunu s-sisien għall-preżentazzjoni tal-'Kultura f'Kaxxa' ta' l-imsieħbin tagħhom.

Il-gruppi jridu jippruvaw jagħtu risposta għall-mistoqsija: *"X'se jagħti lill-imsieħbin l-aktar stampa sħiħa tal-pajjiż tiegħi?"* Għandhom iżommu f'moħħom li il-preżentazzjoni għandhom ikunu qosra.

**It-Tielet pass: L-iskambjar ta' l-informazzjoni**

Kif il-klassi A tagħmel il-preżentazzjoni "Kultura f'Kaxxa" dwar pajjiż B u klassi B taħdem fuq pajjiż A skond l-informazzjoni provduta mill-imsieħba, issa huwa l-waqt li l-istudenti jinfurmaw lill-imsieħba tagħhom dwar l-10 aspetti li kienu għażlu, u jibgħatu l-kartun bl-informazzjoni lil xulxin. Jistgħu jagħmlu dan billi jużaw l-email tat-TwinSpace, l-ispazju ta' xogħol komuni fuq il-portal.

**Ir-Raba' pass: It-tħejjija tal-preżentazzjonijiet il-"Kultura f'Kaxxa"**

Il-gruppi differenti jaħdmu fuq il-preżentazzjonijiet il-"Kultura f'Kaxxa" dwar il-pajjiż imsieħeb billi jimlew il-fajl tal-preżentazzjoni.

**Riżultat**

L-istudenti jipproduċu preżentazzjonijiet bil-PowerPoint dwar l-10 karatteristiċi ewlenin tal-pajjiż imsieħeb. Dawn il-preżentazzjonijet jistgħu jiġu maħżuna fit-TwinSpace biex l-istudenti miż-żewġ skejjel ikunu jistgħu jaraw dak li għamlu sħabhom.

**Evalwazzjoni**

L-evalwazzjoni ta' l-istudenti tkun imsejsa fuq

- Il-produzzjonijiet tagħhom matul l-istadju tal-ġbir ta' l-ideat, jekk ikun hemm.
- Parteċipazzjoni fid-diskussjoni fil-klassi u fil-grupppi
- Riċerka sistematika dwar aspetti partikolari tal-kultura
- Il-Kwalità tal-preżentazzjoni "Kultura f'Kaxxa" li ħejjew
- Il-ħiliet li jaħdmu f'tim
- Il-Kwalità tal-qsim ta' informazzjoni ma' l-imseħbin tagħhom

**Għażliet Supplimentari**

**1: Misinterpretazzjoni fil-preżentazzjonjiet "Kultura f'Kaxxa"**
Hekk kif kull grupp jipproduċi preżentazzjoni dwar il-kultura tal-pajjiż imsieħeb, wieħed jista' jistenna li jkun hemm xi forma ta' misinterpretazzjoni. Jekk ikun il-każ, iċ-ċittadini tal-pajjiż iridu jaħsbu dwar tibdil li għandu jsir meta jaħsbu li xi aspett kulturali ma jkunx ġie mifhum mill-imseħbin. Dan jistgħu jagħmluh permezz ta' l-email, chat jew il-bulletin board fit-TwinSpace jew inkella permezz ta' konferenza bil -vidjo.

**2: Preżentazzjoni orali tal-"Kultura f'Kaxxa"**
Il-gruppi jirrapurtaw oralment fuq il-preħentazzjonijiet li jkunu għamlu huma jew l-imsieħba tagħhom lill-bqija tal-klassi u jiffukaw fuq dawk l-aspetti li sabu l-aktar interessanti. L-għan huwa biex il-klassi tagħraf tapprezza ix-xebħ u d-differenzi bejn kulturi differenti. Chat jew konferenza bil-vidjo mal-klassi msieħba tista' tkun organizzata biex ir-riżultati ta' dawn il-preżentazzjonijiet orali jkunu diskussi.

**3: Kitba ta' esej**
Kull student jista' jikteb esej bir-riflessjonijiet dwar l-attività u l-esperjenza personali tagħhom. Dawn il-produzzjonijiet jistgħu jitpoġġew fit-TwinSpace.

Xi suġġetti għall-esej:

- *Iddeskrivi il-wirt kulturali u l-identità tiegħek.*
- *Immaġina li kont immigrant fil-pajjiż imsieħeb.*
- *Kif jikkumparaw il-wirt kulturali tiegħek u dak tal-klassi msieħba? X'inhuwa x-xebħ u x'inhuma d-diffrenzi?*
- *Għalfejn huwa importanti għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni li jifhmu u jkunu jafu dwar il-wirt kulturali ta' popli oħrajn?*

Idea oriġinali ta' Theresa Yiakoumatou (Ministeru ta' l-Edukazzjoni Grieg)
Addatat għall-eTwinning minn Núria de Salvador

**Etajiet: 10-16**
**Tul: 5-6 sessjonijiet**
**Għodod ta' l-ICT: e-mail, bulletin board, chat, konferenza bil-vidjo, qsim ta' fajsl, softwer ieħor (preżentazzjoni bil-PowerPoint)**
**Suġġett mudell: L-Ewropa, Ġografija, Storja/Tradizzjonijiet, Informatika/ ICT, Lingwa u Litteratura, Lingwi barranin**